**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' MARZU 2019**

**Kawża Nru: 8**

**Rikors Ġuramentat Nru. 391/2016 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**Vs**
**Dr Yana Micallef Stafrace u l-P.L. Veronica Rossignaud nominati b'digriet tal-14 ta' Lulju 2-016 kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Emanuel Cassar; u b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2017 ġie nominat Dr Christopher Chircop sabiex jissostitwixxi lil Dr Yana Micallef Stafrace.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-Bank attur HSBC Bank Malta p.l.c. fis-16 ta' Mejju 2016 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-Bank attur HSBC Bank Malta p.l.c. ipprovda facilita' ta' self lill-konvenut fis-somma komplessiva ta' tlett mija u hamsin elf Euro ( EUR 350,000.00) kif jidher mill-anness kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Josette Spiteri Cauchi tas-17 ta' Lulju 2008 u Sanction letter tad-29 ta' Mejju 2008;

2. Illi l-konvenut ma hallasx lura is-somma avvanzata b'self lill-Bank attur fit-terminu pattwit u huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' tlett mija u sbatax-il elf mitejn u tnax il-Euro u erba' centezmi ( EUR 317,212.04) rapprezentanti bilanc mis-somma kapitali avvanzata b'self oltre disgha u tmenin elf mija u tlieta u ghoxrin Euro u hamsa u sebghin centenzu ( EUR 89,123.75) rapprezentanti imghax dovut sas-27 ta' Jannar 2016 salvi imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv, kif jirrizulta ahjar mill-anness rendikont;

3. Illi minkejja li l-konvenuti gie interpellat biex ihallas d-debitu dovut anke permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' Mejju 2015, huwa baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :-

1. Tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lill- konvenut ihallas lill-Bank attur s-somma komplessiva ta' erba' mija u sitt elef Euro tliet mija u hamsa u tletin Euro u disgha u sebghin centezmu ( EUR 406,335.79), salvi imghaxijiet ulterjuri fuq is-somma kapitali ta' EUR 317,212.04 mis-27 ta' Jannar 2016 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 9 ta’ Marzu 2012 u 29 ta’ Mejju 2015 kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru prezentat konteswalment, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tal-24 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti u għalhekk irriżervaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Semgħat it-testimonjanza tal-Avukat Dottor Ralph Agius Fernandez fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2018 u l-kontro-eżami tiegħu fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2019.

Rat il-provi dokumentarji preżentati mill-Bank attur b'nota tal-5 ta' April 2018.

Semgħat it-testimonjanza ta' Doreen Cuningham prodotta mill-Bank attur fl-udjenza tat-12 ta' April 2018 u l-provi dokumentarji minnha preżentati.

Semgħat it-testimonjanza ta' Dr Yvette Borg prodotta mill-kuraturi deputati għall-assenti fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2018 u d-dokumenti minnha preżentati.

Rat in-nota ta' dokument tal-kuraturi deputati tad-19 ta' Ġunju 2018.

Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-kawża odjerna tirrigwarda talba tal-Bank attur għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu rapprezentanti bilanċ minn somma akbar, faċilita' ta' self mogħtija mill-Bank attur lill-konvenut Emanuel Cassar in forza ta' kuntratt ta' self in atti Nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi tas-17 ta' Lulju 2008. Dr Ralph Agius Fernandez prodott mill-Bank attur xhed illi l-konvenut kien qata' kull kuntatt minn mal-bank għal numru ta' snin. Jirriżulta illi l-bank kien intavola ittra uffiċjali kontra l-konvenut fid-9 ta' Frar 2015 li ġiet notifikata fl-14 ta' Frar 2015 iżda pagamenti ma sarux.

Fl-udjenza tat-12 ta' April 2018 xhedet Doreen Cunningham illi spjegat b'dettal l-ammont kollu reklamat mill-Bank attur. Hija preżentat prospett dettaljat li juri l-ammont bilanċjali dovut lill-bank mill-konvenut.[1] Skond dan il-prospett l-aħħar pagament akkont li effettwa l-konvenut sar fis-sena 2010.

Wara li eżaminat il-provi kollha mressqa mill-Bank attur il-Qorti qed tikkonkludi illi l-pretensjoni tal-Bank attur ġew sodisfaċentement ippruvati.

**DECIDE**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi,

[1] Fol. 97

1. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara illi l-konvenut Emanuel Cassar huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' tliet mija wieħed u disgħin elf, sitt mija u erba' Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€391,604.52).

2. Tilqa' t-tieni talba, tikkundanna lill-konvenut Emanuel Cassar iħallas lill-Bank attur is-somma ta' tliet mija wieħed u disgħin elf, sitt mija u erba' Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€391,604.52), oltre l- imgħaxijiet ulterjuri bit-tmienja fil-mija fuq is-somma kapitali ta' €317,212.04 mid-9 ta' Frar 2015 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar 2015 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment mal-kawża, kontra l-konvenut Emanuel Cassar; b'dan illi l-ispejjeż tal-kuraturi deputati għall-assenti għandhom jitħallsu provviżorjament mill-Bank attur.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**